**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 18

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 09 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 17

18.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sbatax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

18.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

18.2.3 Fuq proposta tal-Vici Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-ġabra tal-ħġieġ li saret fl-4 ta' Settembru b'relazzjoni mad-direttiva li nħarġet minn Wasteserv bi struzzjonijiet biex l-ħġieġ jibda jinħareġ ġo kontenituri li jistgħu jerġgħu jintużaw biss. Is-Sur Dalli spjega kif huwa għamel *monitoring* ta' din il-ġabra fejn irriżulta li kien hemm hafna residenti li obdew u osservaw l-istruzzjonijiet ta' wasteserv billi ħarġu l-ħġieġ fi *re-usable containers*. Kemm il-darba l-kuntrattur sab ħġieġ ġo kaxxi jew basktijiet tal-karti, dan battal il-ħġieġ biss u l-kaxxi u l-basktijiet reġgħa tefahom wara l-bibien tan-nies. Is-Sur Dalli nnota kif kien hemm xi akwati li l-kollettur kien ser jaqbeż u ma jieqafx jiġbor il-ħġieġ u għalhekk huwa ġibed l-attenzjoni tal-kolletur dak il-ħin stess. Is-Sindku sostna kif il-kunsill ser jibqa f'kuntatt ma' Greenpak u l-ġabra tal-ħġieġ ser tibqa tiġi *monitored* kull xahar.

18.3.2 Is-Sindku tkellem fuq il-ġnien Ċentru Rikreattiv u l-vandaliżmu li sar riċentament f'dan il-ġnien; fejn xi żgħażagħ ħamġu parti mill-pavimentar biż-żejt. Sindku qal li minkejja din is-sitwazzjoni kienet qed tiġi kkontrollatha bl-għajnuna tal-pulizija dawn iż-żgħażagħ reġgħu frekwentaw il-ġnien għal darb oħra pero din id-darba jidher li ma laħqux għamlu xi atti ta' vandaliżmu. Is-Sindku ħa ħsieb jinforma lill-pulizija b'dan it-tieni każ u l-pulizija ser terġa tkellem lil dawn iż-żgħażagħ fejn ittihom twissija bil-kelma t-tajba.

18.3.3 Is-Sur Dalli qal li fil-ġranet li ġejjien ser toħroġ skema dwar l-aċċessibilta fl-irħula li tolqot l-aktar lil dawk il-persuni li għandhom bżonnijiet speċjali. Huwa żied jgħid kif il-kunsill tajjeb japplika għal din l-iskema biex fir-raħal ikun hemm postijiet aktar aċċessibbli għal kulħadd. Fost il-ħsibijiet li qasam mal-kunsilliera, is-sindku tal-parir li l-kunsill japplika għall-*slope* oħra fuq iż-żuntier, toroq bi bankini aktar wiesgħa u aċċessibbli, rampi fil-ġnien etc. Huwa qal lil kunsilliera biex jekk għandhom xi ideat oħra jagħmlu kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv billi jibgħatu l-proposti tagħhom bil-miktub. Il-Viċi Sindku, is-Sur Daniel Mallia, ssuġġerrixxa biex il-kunsill jisma anke l-proposti tan-nies, li jafu ikunu tajbin, fejn huma ukoll jingħataw l-opportunita li jindikaw xi postijiet fir-raħal li jaf hemm nuqqas ta' aċċessibilta għalihom.

18.3.4 Is-Sindku ta' *update* fuq ix-xogħolijiet ta' re-surfacing li qed isiru fi Triq Sir Ugo Mifsud. Huwa qal kif riċentament dawn ix-xogħlijiet reġgħu kienu weqfin u t-triq għadha bl-ewwel staffa ta' *tarmac* biss. Barra minn hekk wara l-ewwel xita li għamlet, il-kunsill irċieva ħafna lmenti mingħand ir-residenti dwar il-qlib tal-ilma f'din it-triq u mir-ritratti li ntbgħatu jidher li l-livelli tat-triq jaf ma nħadmux sewwa u ma sarux kif suppost. Għalhekk il-kunsill qed jiġbor l-ilmenti kollha tan-nies f'dan ir-rigward u dawn kollha qed jintbgħatu għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta u Transport Malta, li finalment huma l-entitajiet responsabbli u nkarigati minn dan ix-xogħol.

18.3.5 Is-Sur Dalli żied jgħid kif huwa ser jibqa jagħmel kuntatt kontinwu mal-perit li qed jieħu ħsieb ix-xogħlijiet ta' *re-surfacing* kemm fi Triq Sir Ugo Mifsud u anke fil-parti ta' fuq ta' Triq Annibale Preca. Dan biex forsi x-xogħlijiet li qed isiru jerġgħu jaqbdu ritmu mgħaġġel u tingħata ndikazzjoni ċara ta' meta ser ikunu ffinalizzati ż-żewġ toroq ħalli jkun possibbli jingħata *feedback* lir-residenti li jgħixu f'dawn l-akwati.

18.3.6 Is-Sindku ta rendikont fuq il-finanzi, dħul u nfieq inkonnessjoni mal-proġett tal-*concrete imprint* li sar f'parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2. Huwa spjega kif il-kuntrattur li wettaq ix-xogħol b'kollox ingħata ħlas totali ta' €39,732.51 li kien maqsum fi €31,674.92 għal pavimentar li sar bil-concrete imprint u €8,057.59 għax-xogħol li sar fit-tibdil tal-pajpijiet tal-ilma. L-awtorita tal-ippjanar tat lil kunsill rifużjoni ta' €8,519.54 bħala *pre-payment* u €26,018.99 wara li ġie ffinalizzat u approvat ix-xogħol li għandu x'jaqsam mal-pavimentar u *concrete imprint*. Il-WSC ukoll tat rifużjoni fuq ix-xogħol li sar fit-tibdil tal-pajpijiet tal-ilma. Skond estimi li kienu saru minn WSC fi żmien il-kunsill preċedenti, ix-xogħol tal-ilma ġie estimat €2,215.81 biss u filfatt dik kienet l-unika rifużjoni li rċieva l-kunsill għal din il-parti tax-xogħol. Is-Sur Dalli qal li kieku seta kien jitħaddad ma' WSC biex forsi l-kunsill ikun fiċ-ċans li jibbenifika minn rifużjoni akbar pero din kienet xi ħaġa tal-passat li sfortunatament laħaq aċċetta l-kunsill preċedenti. Għalhekk irriżulta li minn dan il-proġett il-kunsill mill-finanzi tiegħu ħareġ is-somma totali ta' €2,978.17.

18.3.7 Is-Sur Dalli nforma lil kunsilliera kif il-kuntratt li għandu l-kunsill mal-*university residence* tal-kiri tal-binja tal-uffiċċju ser jiskadi fl-aħħar tas-sena 2020 u hemm possibbilta li dan jiġi estiż għal sena oħra sal-aħħar ta' 2021. Huwa tal-parir li dan il-kuntratt jiġedded għal-sena oħra diment li hemm il-possibbilta u sakemm il-kunsill isib binja alternattiva oħra għall-uffiċċju. Il-Kunsilliera aqblu u wrew l-istess fehma bħas-sur Dalli. Fuq dan l-istess suġġett is-Sur Dalli qal kif huwa riċenti iltaqgħa mal-Ministru Herrera fejn talbu għall-għajnuna biex l-kunsill ikollu ċans jakkwista binja ġdida minn fejn jopera.

## 18.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

18.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ma kien hemmx.

## 18.5 Korrispondenza

18.5.1 Il-Kunsillier Cini għamel rimarka fuq korrispondenza nru 0509/20 fejn staqsa jekk Triq Sir Ugo Mifsud minn fejn l-istatwa ta' San Pawl sa ħdejn il-każin mhux ser tiġi *re-surfaced* jew le mal-kumplament tat-triq. Is-Sur Dalli qal li din il-parti tat-triq ser issir pero konferma meta, għadt m'hemmx minn naħa ta' *Infrastructure Malta.*

18.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia għamlet mistoqsija dwar korrispondenza nru 0510/20 , fejn xtaqet tkun taf f'liema stadji wasal il-kunsill fit-talba li huwa ssottometta għall-*encroachment* fuq il-*pitch* li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmawha kif wara l-kuntatt kontinwu li sar bejn il-kunsill u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sa fl-aħħar din it-talba ġiet pproċessatha u milqugħha minn dan l-istess dipartiment. Issa baqa biss l-approvazzjoni tal-*Lands Authority* u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għadda t-talba tal-kunsill għall-approvazzjoni ta' din l-awtorita. Il-Kunsill qed jistenna risposta mingħand il-*Lands Authority*.

## 18.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

18.6.1.1 <u>Direttiva 4/2020 – L-użu tal- *internet banking*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet fuq direttiva li ħareġ id-Dipartiment nru 4/2020. Kopja ta' din id-direttiva ġiet mibgħutha lil kunsillera kollha qabel il-laqgħa b'imejl. Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kunsill qed jiġi mħeġġeġ jaħseb biex japplika għal faċilita u użu ta' *internet banking* dan minħabba ċertu restrizzjonijet u tibdil li qed jagħmlu l-banek.

18.6.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hija diġa kkonsultat ħafna mas-sindku dwar din is-sistema u kif ukoll diġa kelmet lil Bank biex tara x'jista jsir għaliex il-kunsill diġa għandu sistema ta' *internet banking* pero *to-view only*. Biex ikollu sistema kompluta ta' *internet banking,* il-kunsill irid jawtorizza aċċess ta' żewġ *key channels* oħra, waħda għas-sindku bħala amministrattur li jawtorizza l-pagamenti u oħra għal skrivana biex tgħin fil-proċess tal-pagamenti li jiġu mressqa kull xahar għall-ħlas. Il-key eżistenti tas-Segretarju Eżekuttiv ma tistax tibqa *to-view only* iżda jeħtieġ jinbidlulha ir-*rights* biex hija ukoll tkun amministrattur u tkun tista tawtorizza l-pagamenti flimkien mas-sindku.

18.6.1.3 Din id-direttiva ġiet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kienet issekondatha mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva l-użu tal-*internet banking* u s-Segretarju Eżekuttiv għandha timla l-formoli meħtieġa mal-bank biex tiġi ntrodottha din is-sistema.

18.6.2.1 <u>Direttiva 5/2020 – Depożitu ta' flus fil-Banek</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tkelmet fuq direttiva oħra li ħareġ id-Dipartiment nru 5/2020. Kopja ta' din id-direttiva ġiet mibgħutha lil kunsillera kollha qabel il-laqgħa b'imejl. Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-kunsill m'għandux alternattiva oħra ħlief jiftaħ kont ieħor biex fih jiġu depożitati flus ta' entitajiet oħra li jitħalsu l-kunsill

għal ħlasijiet li għandom x'jaqsmu ma' LESA, LES, TRADE, LANDRENT etċ. Dan il-kont qed jiġi mitlub li jinfetaħ minħabba ċertu restrizzjonijet u tibdil li qed jagħmlu l-banek. Il-Bank kemm jista jkun jixtieq li jinqata l-użu tal-muniti kif ukoll taċ-ċekkijet u finalment isiru ħlasijiet onlajn jew via *transfers*.

18.6.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif hija diġa kkonsultat ħafna mas-sindku dwar din is-sistema u kif ukoll diġa kelmet lil Bank biex tara x'hemm bżonn isir biex jinfetaħ kont ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li dan il-kont fih irid ikollu bilanċ ta' €100 biex dan l-ammont jagħmel tajjeb għall-muniti li ma jkunux jistgħu jiġu depożitati minħabba li ma jkunux laħqu l-minimu stabbilit mil-bank.

18.6.2.3 Din id-direttiva ġiet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Mallia li kienet issekondatha mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jinfetaħ dan il-kont ġdid biex kemm jista jkun jaġġorna ruħu mas-sistemi li qed jadotta l-Bank.

18.6.3.1 <u>Approvazzjoni ta' kwotazzjoni – Servizz ta' avukat</u>
B'referenza għal ftehiem li kien sar fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tlett kwotazzjonijiet għas-servizz ta' avukat, dan għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-kunsilliera kollha. Hija spjegat kif il-kunsill irċeiva tlett kwotazzjonijiet b'kollox mingħand GTG Advocates, IURIS Malta u Dr. Martin Fenech.

18.6.3.2 Is-sindku l-kunsilliera ħadu nkunsiderazzjoni l-figuri kwotati għas-servizzi mitluba tat-tlett offerti differenti li ġew akkwistati. Irriżulta li l-irħass kwotazzjoni kienet dik ta' Dr. Martin Fenech.

18.6.3.3 Għalhekk is-sindku u l-kunsilliera approvaw li appena jiskadi l-kuntratt kurrenti li għandu l-kunsill, il-kunsill għandu jibda jieħu parir u konsulenza legali mingħand l-avukat Dr. Martin Fenech. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinforma lil Dr. Fenech b'din l-aħbar.

18.6.4.1 <u>*Tender opening report / evaluation report* – Sistema ta' Irrigazzjoni (It-Tieni sejħa maħruġha)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera li s-sejħa ta' offerti għall-implementazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni fil-ġnien Ċentru Rikreattiv kienet reġgħat ġiet ippubblikatha għat-tieni darba. Hija spjegat kif din id-darba l-kunsill kellu żewġ offerti mingħand kuntratturi differenti li sfortunament dawn it-tnejn li huma xorta tefgħu l-offerta tagħhom aktar ogħla mill-baġit li alloka l-kunsill għal din is-sistema ta' rrigazzjoni.

18.6.4.2 B'Konsultazzjoni mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif iż-żewġ offerti diġa ġew evalwati ukoll mit-tlett evalwaturi li jinħatru s-soltu, fejn dawn l-evalwaturi ddiskwalifikaw liż-żewġ kuntratturi fuq bażi li tefgħu l-offerta tagħhom ħafna ogħla,u li l-kunsill mhux f'pożiżjoni li jikkommetti ruħha jħallasha.

18.6.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni li hija preparat u dan ġie approvat unanimament. Hawnhekk is-sindku nforma lil kunsilliera b'aħbar tajba li huwa kellu nkonnessjoni mal-implementazzjoni ta' din is-sistema. Huwa bi pjaċir qal kif wieħed il-ħaddiema, Frankie u Marco, ser jagħtu l-għajnuna tagħhom huma biex tiġi mplementatha din is-sistema ta' irrigazzjoni u b'hekk il-kunsill ser jibbenifika milli jixtri l-apparat biss biex dan il-proġett jitwettaq.

18.6.5.1 <u>Approvazzjoni – Akkumular ta' *vacational leave* tas-Segretarju Eżekuttiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda ittra li titratta rigward talba għal tiġdid ta' siegħat tal-*leave* tagħha għas-sena 2020. Hija spjegat kif baqala xi ġranet tal-*leave* u tixtieq li dawn jiżdiedu mal-*leave* tagħha tas-sena 2021.

18.6.5.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u s-Segretarju Eżekuttiv issa għandha tkompli bil-proċess fejn titlob għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'dan ir-rigward.

18.6.6.1 <u>Tibdil tal-bozoz li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-sindku reġgħa għamel enfażi fejn qal li l-bozoz li hemm kurrenti fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv hemm bżonn jinbidlu b'mod immedjat. Huwa spjega kif issa li l-kunsill lesta l-proġett ta' tibdil ta' fanali dekorattivi madwar ir-raħal, il-kunsill jista issa jiffoka fuq it-tibdil ta' bozoz f'dan il-ġnien.

18.6.6.2 Is-Sur Dalli spjega kif dawn il-bozoz ser jinbidlu bl-assistenza taż-żewġ ħaddiema Frankie u Marco u sostna kif dan il-proġett ukoll jista jsir b'permezz tal-għajnuna tar-Reġjun Ċentru bi skema 1/2020. Dan il-proġett qed jiġi estimat li ser jammonta għal massimu ta' €5,000.

18.6.6.3 Il-Kunsill unanimament approva t-tibdil għall-aħjar ta' bozoz u dawl fil-ġnien kif ukoll li spiża bħal din issir bl-għajnuna ta' Skema 1/2020 tar-Reġjun Ċentru. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tgħaddi din il-proposta bil-miktub lir-Reġjun Ċentru.

18.6.7.1 <u>Kontinwazzjoni ta’ diskussjoni dwar Skema Finanzjarja 5/2020 tar-Reġjun Ċentru – xiri jew kiri ta’ tiżjien tal-Milied 2020</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat għarfet lil kunsilliera b’skema 5/2020 maħruġa mir-Reġjun Ċentru li titratta fuq rifużjoni massima ta’ €3,000 għal spejjeż relatati ma’ xiri jew kiri ta’ tiżjien tal-Milied għal kull kunsill lokali fi ħdan ir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali għandu ċans japplika għal din l-iskema sa mhux aktar mit-30 ta’ Settembru 2020.

18.6.7.2 Is-Sinjorina Borg talbet għall-kummenti tal-kunsilliera u biex il-kunsill jieħu deċiżjoni finali dwar din l-iskema.

18.6.7.3 Fuq parir tas-sindku u wara diskussjoni żgħira li saret bejn il-kunsilliera kollha, kien hemm qbil b’mod unanimu li l-kunsill għandu japplika alissa għal kiri ta’ siġra tal-Milied u dawl dekorattiv fil-pjazza sa’ ħdejn it-torri. Minħabba s-sitwazzjoni tal-*covid*-19 wieħed ma tantx jista jippjana ċertu attivitajiet pero jekk din is-sitwazzjoni sa dak iż-żmien titaffa l-kunsill għandu ħsieb li jagħmel attivitajiet simili għal dawk li saru s-sena li għaddiet. F’dak il-każ il-kunsill għandu jerġa jagħmel kuntatt mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Ċentru biex tiġi nfurmatha li l-kunsill jixtieq jutilizza il-fond tiegħu minn din l-iskema għall-aktar attivitajiet relatati mal-Milied.

18.6.7.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jekk ittaffi l-problema tal-*covid* u jkun hemm il-possibbilta li ssir l-attivita tal-*father christmas*, din l-attivita trid issir kif dejjem saret qabel fi kunsilli preċedenti biex tkun ta’ suċċess.

18.6.8.1 <u>Kontinwazzjoni ta’ diskussjoni dwar Skema Finanzjarja 6/2020 tar-Reġjun Ċentru – Avvenimenti Soċjo Kulturali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat għarfet lil kunsilliera b’skema 6/2020 maħruġa mir-Reġjun Ċentru li titratta fuq rifużjoni massima ta’ €10,000 għal spejjeż relatati ma’ avvenimenti soċjo kulturali organizzati minn kull kunsill lokali fi ħdan ir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali għandu ċans japplika għal din l-iskema sa mhux aktar mit-30 ta’ Novembru 2020.

18.6.8.2 Is-Sinjorina Borg talbet għall-kummenti tal-kunsilliera u biex il-kunsill jieħu deċiżjoni finali dwar din l-iskema.

18.6.8.3 Fuq parir tas-sindku u wara diskussjoni żgħira li saret bejn il-kunsilliera kollha, kien hemm qbil b’mod unanimu li l-kunsill għandu japplika biss alissa għal ċirca €5,000 minn dan il-fond biex jinżamm il-festival taċ-ċitru fi Jannar tas-sena 2021. Il-kumplament tal-fond l-ieħor (ta’ €5,000 ukoll) hemm ħsieb li jkun utilizzat għall-avveniment tal-festa tas-sena 2021, pero din hija xi ħaġa li l-kunsill għadu qed jiddiskuti fit-tul.

18.6.9.1 <u>Applikazzjoni *PA Funding*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda applikazzjoni ta’ *PA funding* fuq xewqa tas-sindku bl-għan li l-kunsill japplika għall-inizjattivi ta’ *greenary* fir-raħal. Is-Sur Dalli tkellem aktar fid-dettal fuq dan il-punt.

18.6.9.2 Is-Sur Dalli qal li huwa tal-parir li l-kunsill japplika għal dan il-fond u spjega kif hemm ħafna inizjattivi minn fejn wieħed jista jagħżel biex japplika. Is-Sur Dalli qal kif riċenti avviċinah resident mill-akwata ta’ Ta’ Senna fejn talab biex din l-akwata tiġi mħarsa aktar u fiha ssir xi ħaġa nnovattiva. Filfatt is-Sindku ħareġ b’suġġeriment biex fi Triq Nazju Cortis jsir *green wall* mal-ħajt tas-sejjieħ li hemm.

18.6.9.3 Naturalment is-Sur Dalli żied jgħid li qabel ma ssir l-applikazzjoni għal dan il-*green wall,* il-kunsill jrid jara ta’ min hu l-ħajt u jekk hu ta’ terzi persuni jrid jingħata kunsens biex jitwettaq dan il-proġett, irid ikun hemm konsultazzjoni u għajnuna mill-perit fuq l-applikazzjoni u jaf anke jkun hemm bżonn is-servizz ta’ *designer* biex dan il-proġett iku wieħed estetiku u ta’ suċċess.

18.6.9.4 Is-Sur Dalli ta’ eżempju ta’ inizjattiva oħra li wieħed jista jikkunsidra ssir, din id-darba fl-akwata tal-*housing estate*. Huwa qal kif fuq il-garaxxjijiet tal-*housing estate* wieħed jista japplika għal *roof garden* jekk permettibli.

18.6.9.5 Il-Kunsill unanimament qabel li għandi ssir applikazzjoni waħda biss alissa għal *green wall* fi Triq Nazju Cortis, bħala l-ewwel prova. F’każ li din tkun ta’ suċċess il-kunsill jista jerġa japplika għal xi inizjattiva oħra.

18.6.10.1 <u>*Patching* fi Triq Preziosi Sqaq nru 2</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba biex isir *patching (hot asphalt*) f’parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2.

18.6.10.2 Is-Sindku qal kif parti minn dan l-isqaq jinsab diżastruż ħafna u hemm bżonn issir manutenzjoni għaliex irċieva bosta lmenti mingħandi residenti li jgħixu f’din l-akwata. Il-kunsill unanimament approva din it-talba.

18.6.11.1 <u>Talba biex issir tabella *No Parking* 24/7 fi Triq Preziosi Sqaq nru 1</u>
Tressqet talba biex issir tabella ta’ *no parking* 24x7 fi Triq Preziosi Sqaq nru 1.

18.6.11.2 Is-Sindku qal kif din it-tabella hija ta' bżonn u wara komunikat li sar ma' TM fuq dan ir-rigward, irriżulta li l-aħjar li ma jipparkjawx karozzi fl-isqaq, li ma jmurx tinqala xi emerġenza u bil-karozzi pparkjati ma tkunx tista tingħata l-assistenza neċessarja.

18.6.11.3 Il-kunsill unanimament approva li titweħħel din it-tabella kemm il-darba jkun hemm l-approvazzjoni ta' TM għal din l-installazzjoni.

18.6.12.1 <u>Talba għal tabella '*No entry for heavy vechicles'* fi Triq San't Andrija Sqaq nru 1</u>
Resident ressaq talba mas-sindku biex tiġi mplementatha tabella oħra ta' '*no entry for heavy vechicles'* fi Triq San't Andrija Sqaq nru 1.

18.6.12.2 Is-Sur Dalli qal li tabella bħal din diġa hemm fl-isqaq pero r-resident qed jitlob oħra biex ikun waħda fuq iż-żewġ naħat tal-isqaq jidhru sew. Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u għandha tiġi ordnata tabella oħra.

18.6.13.1 <u>Talba għal *hand rail* fi Triq Tal-Mirakli</u>
Resident għamel talba biex jitweħħel hand rail fi Triq Tal-Mirakli kantuniera ma' Triq Sant Andrija Sqaq nru 1.

18.6.13.2 Il-kunsill unanimament approva din it-talba.

18.6.14.1 <u>Talba biex issir T-Sign fi Sqaq ta' Sejduna</u>
Tresqet talba mingħand resident biex fi sqaq ta' Sejduna teħel T-Sign li kienet diġa hemm pero għal xi raġuni tneħħiet. Dan ir-resident tkellem u iltaqgħa mas-sindku fuq is-sit.

18.6.14.2 Din it-talba ġiet approvatha unanimament.

18.6.15.1 <u>Implementazzjoni ta' żewġ bollards fi Pjazza Trasfigurazzjoni</u>
Tressqet talba biex jiġu mplementati żewġ bollards fil-pjazza Trasfigurazzjoni quddiem iz-zuntier tal-knisja biex dawn ikunu ta' użu għal meta jkun hemm xi okkażżjoni bħal tieġ jew funeral etċ.

18.6.15.2 Il-Kunsill unanimament qabel li din hija idea tajba u approva din l-implementazzjoni. Is-Sindku, is-Sur Dalli għandu jinforma lis-sagristan b'din l-approvazzjoni biex b'hekk ikun jista jinstalla dawn iż-żewġ bollards.

## 18.7 Preparazzjoni għall-festi tal-Milied 2020 u bidu ta' sena ġdida 2021

18.7.1 Is-Sur Dalli qal li kif kumbinazzjoni diġa ġie diskuss aktar il-fuq fil-parti 18.6 'items oħra ta' xogħlijiet ieħror tal-kunsill u lmenti', diment li s-sitwazzjoni tal-covid-19 teqleb għall-aħjar, il-kunsill ser ifassal il-pjan ta' festi tal-Milied 2020 u bidu ta' sena ġdida 2021 simili ħafna għal dak tas-sena li għaddiet.

18.7.2 Bażikament jista jintuża l-istess programm ta' attivitajiet tas-sena l-oħra, terġa anke tintrema is-siġar bid-dwal fil-pjazza u għal din is-sena l-kunsill ser jaħseb ukoll biex jagħmel dawl addizzjonali fis-siġar mill-pjazza sat-Torri. Jekk dawn il-bozoz ma jiġux għoljin, id-dawl fis-siġar jista jkompli jsir ukoll mit-Torri l-isfel.

18.7.3 Il-Kunsill unanimament qabel u dawn il-preparazzjonjiet ser ikomplu jkunu diskussi fi laqgħat tal-kunsill li ġejjien. Sa dan it-tant l-amministrattiv ser tieħu ħsieb tibda ġġib xi stimi ta' tiżjien u servizzi oħra li hemm bżonn għal dawn il-preparazzjonijiet, b'konsultazzjoni mas-sindku.

18.7.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia reġgħat sostnit li jekk ittaffi l-problema tal-*covid* u jkun hemm il-possibbilta li ssir l-attivita tal-*father christmas*, din l-attivita trid issir kif dejjem saret qabel fi kunsilli preċedenti biex tkun ta' suċċess. Kemm hija u kif ukoll is-Sindku ssuġġerew li jekk issir din l-attivita ma jkunx hemm ħlas involut għal min japplika.

## 18.8 Preparazzjoni għall-festival taċ-Ċitru 2021

18.8.1 Is-Sur Dalli li ser jiprova l-ewwel jagħmel appuntament mal-uffiċċju tal-President minħabba d-data biex tintagħżel waħda adekwata, idealment mhux aktar tard mit-tielet Ħadd ta' Jannar biex b'hekk il-laring ikun għadu fl-aqwa tiegħu. Is-Sena li għaddiet peress li dan il-festival sar fi Frar il-laring kien daqsxejn skarss u s-Sindku ma jixtieqx li għas-sena 2021 din il-problema terġa tiġri.

18.8.2 Is-Sur Dalli kompla billi ssuġġerrixxa li għas-sena 2021 il-festival isir fil-pjazza; fejn fin-naħa ta' fuq quddiem iz-zuntier fil-qalba jkun hemm stazzjonati residenti u għaqdiet mir-raħal stess li għandhom prodotti lokali. Aktar l-

isfel lejn it-torri jistgħu joqogħdu dawk in-nies li dejjem ġew bi ħġarhom għal dan il-festival jbiegħu il-prodotti tagħhom jew jesebixxu xogħolhom.

18.8.3 Is-Sindku talab għall permess tal-kunsilliera biex jagħtu l-kunsens tagħhom ħalli jibdew jitwettqu l-preparazzjoni għal dan il-festival minn issa kif għadt baqa żmien. Il-Kunsilliera unanimament qablu u taw il-kunsens kollu tagħhom biex jibdew jitħejjew il-preparazzjonijiet meħtieġa.

## 18.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

18.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 10/20 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €141.58 għax-xahar ta' Awwissu.

18.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha minħabba s-sitwazzjoni ta' COVID-19, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 18.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

18.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif applikazzjonijiet riċenti alarmanti ma kien hemm xejn ġdid. Hija fakret biss lil kunsilliera dwar applikazzjoni nru 07986/19, no 17 Mattina, Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq Fernand gregh u kif deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni ser terġa tibda tinstema minn nhar l-Erbgħa 23 ta' Settembru 2020. Is-Sinjorina Borg qalet kif hija diġa rreġisrat lil kunsilliera kollha għal dan il-bord meeting minn fuq is-sit tal-Awtorita tal-Ippjanar u għall-aktar informazzjoni dwar il-ħin tas-seduta wieħed jista jżur dan is-sit.

## 18.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

18.11.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra, iżda ħadd mill-kunsilliera ma kellu xejn aktar xi jressaq ta' diskussjoni fuq il-mejda.

18.11.2 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00pm.

18.11.3 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm fil-binja uffiċjali tal-kunsill lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 28 ta' Settembru 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |